

Ħarsa annwali 2007

Sommarju tar-Rapport Annwali

Aġenzija Ewoprea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

Attivitajiet Prinċipali fl-2007

L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) kienet involuta f'bosta oqsma differenti relatati mas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol (OHS) fl-2007. Ir-rwol tagħha huwa dak li tiġbor, tanalizza u tqassam informazzjoni dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u li tippromwovi kultura ta' prevenzjoni ta' l-aċċidenti u tal-mard.

PROMOZZJONI TA' SĦUBIJA F'NETWORK GLOBALI

Ta' importanza kbira kienet l-[Istrateġija għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, 2007-2012](#), strateġija ġdida li se tfassal ix-xogħol ta' l-EU-OSHA fis-snin li ġejjin.

L-EU-OSHA kellha rwol importanti fit-tnedija ta' l-Istrateġija, li għandha l-għan li tnaqqas bi kwart l-aċċidenti relatati max-xogħol fl-UE u li tnaqqas il-mard relatat max-xogħol.

Barra minn hekk, inbdew diskussjonijiet mal-gruppi interessati fl-istrateġija ta' l-EU-OSHA ta' l-2009-13.

L-2007 rat il-pubblikazzjoni ta' evalwazzjoni esterna ta' l-Aġenzija, li ffukat speċjalment fuq il-mod kif l-EU-OSHA taħdem man-network tagħha ta' punti fokali, li normalment tkun l-awtorità nazzjonali għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol f'kull Stat Membru. L-evalwazzjoni kienet ġeneralment waħda pożittiva, u se tgħin lill-EU-OSHA u lill-punti fokali sabiex jikkooperaw iktar mill-qrib.

L-EU-OSHA għenet sabiex jiġu stabbiliti punti fokali nazzjonali fl-Albanija, fis-Serbja, fil-Montenegro u fir-*ex-Repubblika Jugoslava* tal-Maċedonja permezz tal-CARDS, programm ta' kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Balkani tal-Punent.

KOMUNIKAZZJONI TA' L-GĦARFIEN

Il-Kampanja Ewropea ta' l-2007 iffukat fuq il-problemi muskuloskeletal (MSDs), l-iktar mard komuni relatat max-xogħol fl-Ewropa [‘Ħaffef il-piż’](#), li tefgħet enfażi fuq ir-rijabilitazzjoni u l-intergrazzjoni mill-ġdid tal-*ħaddiema* bl-MSDs, kif ukoll fuq il-prevenzjoni ta' l-MSDs stess, laħqet il-quċċata tagħha fil-Ġimgħa Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol mit-22 sas-26 ta' Ottubru 2007, b'medda wiesgħa ta' attivitajiet u avvenimenti organizzati madwar l-Ewropa. Sabiex tgħin il-kampanja, l-EU-OSHA ipproduċiet għażla ta'

materjal ta' informazzjoni inklużi rapporti dwar [l-integrazzjoni mill-ġdid ta' ħaddiema](#) u [l-prevenzjoni ta' l-MSD](#). Il-kampanja kienet ukoll tinkludi [Premji għal Prattika Tajba](#) li raw rikkonoxximent lill-organizzazzjonijiet li jkunu għamlu kontribuzzjonijiet innovattivi fil-mod kif trattaw l-MSDs.

Diġà twestaq ħafna mix-xogħol preparatorju għall-kampanja Ewropea li jmiss dwar l-Evalwazzjoni tar-Riskju għall-2008/9. Il-kampanji qed jersqu lejn ċiklu ta' sentejn li jagħti iktar żmien għall-implimentazzjoni u għal attivitajiet li jsegwu u jibnu fuq il-kampanja. Dawn se jagħmlu wkoll użu minn mudell ġdid ta' sostenn finanzjarju.

Is-[Summit Ibda bit-Tajjeb](#) li sar f'Marzu ta' l-2007 ġewwa Bilbao, kien l-avveniment ta' għeluq tal-kampanja ta' l-2006 'Ibda bit-Tajjeb', dedikata għaż-*żgħażaġh* u li tassigura li l-bidu tal-*ħajja* professjonali tagħhom tkun waħda sigura u mingħajr problemi ta' saħħa. Is-summit ġabar flimkien dawk li jfasslu l-linji politiċi fi ħdan l-UE, imsieħba soċjali u esperti ewelnin fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà sabiex jiddiskutu l-kwistjonijiet imqajjma mill-kampanja. Il-Premji Ewropej għall-Prattika Tajba 2006 ġew ukoll ippreżentati f'dan l-avveniment.

L-2007 rat ukoll il-pubblikazzjoni ta' l-[evalwazzjoni tal-kampanja ta' l-2005 ta' l-EU-OSHA 'Aqta dak l-Istorbu'](#). Il-kampanja marret tajjeb skond il-kriterji kollha prinċipali wżati għall-evalwazzjoni.

It-tieni u l-aħħar sessjoni ta' l-[Inizzjattiva dwar Post tax-Xogħol li jieħu ħsieb is-saħħa](#) seħħet fl-2007. Din hija kampanja li pprovdiet lil min iħaddem u lill-impjegati f'intrapriżi ta' daqs żgħir u medju, speċjalment fl-Istati Membri l-*ġodda* ta' l-UE u l-pajjiżi Kandidati b'informazzjoni dwar kif nistgħu nagħmlu l-ambjent tax-xogħol iktar sigur, li ma jkunx ta' periklu għas-saħħa u iktar produttiv.

Żviluppi fuq il-websajt fl-2007 inkludew eżerċizzju ta' *benchmarking*, l-evalwazzjoni tas-sit għal dak li jirrigwarda l-użabilità, l-aċċessibilità, is-sigurtà eċċ. Twettaq ukoll sħarriġ onlajn fost l-utenti tal-websajt. Tkomplet il-kampanja onlajn li tqajjem l-għarfen, bl-użu ta' l-AdWords ta Google. Ġew introdotti servizzi tal-web *ġodda*, bħal notifikati ta' informazzjoni, għodda għar-*riċerka* tan-network u RSS news feeds. Ġew miżjuda iktar Punti tad-Dħul Singoli fis-sit, li ġabru kull informazzjoni disponibbli dwar kwistjonijiet partikolari ta' l-OHS.

Fost il-ħafna avvenimenti li fihom ipparteċipat l-EU-OSHA matul is-sena kien hemm iċ-Ċinema OHS, serje ta' avvenimenti ta' films, inkluż skринing ta' 'Il gioco della vita' ('Il-logħba tal-ħajja') li rebaħ il-kompetizzjoni vidjo tal-Kampanja ta' l-2006 'Ibda bit-tajjeb'.

ŻVILUPPAR TA' GĦARFIEN

Ġie prodott rapport mill-Osservatorju Ewropew tar-Riskji (ERO) dwar [ir-riskji ġodda u emerġenti](#), li huwa parti integrali ta' l-EU-OSHA. Ir-rapport jimmira sabiex jistabilixxi stat ta' għarfien f'dan il-qasam li jinbidel b'rata mgħaġġla, u warajh kien hemm werkxop f'Ġunju ta' l-2007 li ta ċ-ċans lill-esperti u dawk li jfasslu l-politika sabiex jaqsmu l-għarfien u l-esperjenza tagħhom.

L-ERO ħareġ ukoll rapport dwar [ir-riskji psikosoċjali emerġenti](#), li jeżamina l-konnessjonijiet bejn it-tibdiliet fid-dinja tax-xogħol u l-livell ta' stress li qed jiżdied u l-ħsara għas-saħħa mentali u fiżika.

Fl-2007 ġew iffirmati kuntratti sabiex iwettqu l-Istaħriġ Ewropew ta' l-Intrapriżi dwar Riskji Ġodda u Emerġenti (*European Survey of Enterprises on New and Emerging Risks* (ESENER), li għandhom jipprovdu dejta aġġornata dwar ix-xogħol għat-trattament ta' riskji psikosoċjali. L-istaħriġ se jidentifika dak li qiegħed attwalment isir, kemm fil-postijiet tax-xogħol pubbliċi kif ukoll dawk privati.

L-EU-OSHA ipparteċipat fil-proġett ERA-NET li għandu l-għan li joħloq approċċ Ewropew komuni għar-riċerka dwar riskji ġodda u emerġenti fil-postijiet tax-xogħol.

Barra minn hekk, l-ERO għamel disponibbli l-iktar informazzjoni riċenti dwar ir-riċerka fil-qasam tan-[nanoteknoloġiji](#) u l-impatt possibbli tagħhom fuq il-post tax-xogħol, u ħadem fuq rapport dwar l-espożizzjoni tal-ġilda fuq il-post tax-xogħol u mard tal-ġilda relatati max-xogħol. Ir-rapport janalizza l-linji politiċi u l-prattiċi ta' l-Istati Membri f'dan il-qasam u jinkludi linji gwida u rakkomandazzjonijiet.

Ir-rapport ta' l-Osservatorju tar-Riskju ta' l-2007 '[OHS fil-figuri: Ħaddiema żgħażaġh – fatti u figuri](#)' kien parti mill-proġett li għadu għaddej 'OHS fil-figuri', li jimmira sabiex jagħti bażi ta' evidenza għall-prevenzjoni u l-identifikazzjoni tax-xejriet fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà.

[L-istudju dwar il-ħaddiema migranti](#) jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-aktar kwistjonijiet importanti fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà li jaffettwaw dan il-grupp partikolari ta' ħaddiema.

Matul l-2007, ġie imħejji rapport u materjal ieħor ta' informazzjoni dwar il-ħaddiema fis-[settur tal-lukandi, ristoranti u l-kejtering \(HORECA\)](#), u xi wħud mir-riskji partikolari li dawn il-ħaddiema jiffaċjaw. Sar ukoll werkxop bit-titlu 'Ħidma bla periklu fis-settur multikulturali HORECA', ġewwa Bilbao fi Frar ta' l-2007. Barra minn hekk, l-Aġenzija żviluppat għażla ta' materjal dwar il-ħaddiema responsabbli mit-tindif u l-kwistjonijiet relatati fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà.

Ġie wkoll prodott materjal ta' informazzjoni li jeżamina [l-każijiet tan-negozju għal saħħa u sigurtà tajba](#) u l-konnessjoni bejn suċċessi ekonomiċi relatati ma' miżuri tajba fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà kemm għal negozji individwali kif ukoll għal ekonomiji nazzjonali.

L-EU-OSHA ippreparat ukoll rapport ta' studji tal-każijiet dwar il-possibiltà li l-OHS isir parti integrali ta' l-edukazzjoni fuq livell universitarju.

ĦARSA LEJN L-2008

L-2008 se tara approċċ ġdid lejn il-kampanji li tiddlu għal ċiklu ta' sentejn, u li tibda bil-kampanja dwar l-Evalwazzjoni tar-Riskju (2008-2009). Bl-estensjoni tal-kampanja għal perjodu ta' sentejn aħna se nħallu iktar żmien għall-preparazzjoni u l-attivitajiet li jsegwu u jibnu fuqha, u għall-iżvilupp ta' sħubiji mal-partijiet interessati fuq livell ta' l-UE u msieħba oħra potenzjali tal-kampanja.

Fl-2008, l-EU-OSHA se tkompli taħdem sabiex tiżviluppa metodoloġiji għat-tbassir ta' riskji ġodda u emerġenti, li jgħin sabiex l-attivitajiet ta' tbassir isiru iktar sistematiċi. Ir-riżultati ta' żewġ proġetti maġġuri dwar il-karċinoġeni u l-kanċer relatat max-xogħol għandhom jiġu ppubblikati fl-2008 kif inhu l-aħħar minn serje ta' erba' rapporti dwar ir-riskji ġodda u emerġenti li jiffukaw fuq ir-riskji mis-sustanzi kimiċi.

Se jitwettaq xogħol dwar kwistjonijiet ta' l-OHS fis-settur tat-trasport fuq l-art, u l-EU-OSHA se tipprepara 'OHS u Prestazzjoni Ekonomika: Rapport dwar Inċentivi Ekonomiċi', li għandu jiġi ppubblikat fl-2009. Dan ir-rapport se jħares lejn inċentivi li jistgħu jiġu offruti permezz ta' primjums ta' l-assigurazzjoni ta' l-aċċidenti jew jew taxxi li jkunu iktar baxxi, kundizzjonijiet aħjar mogħtija mill-banek bħal rati ta' interess iktar baxxi jew sussidji mill-istat sabiex ikun hemm inkoraġġiment għal prestazzjoni tajba fil-qasam ta' l-OHS.